**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Mejju, 2018

Rikors Guramentat numru : 133/17 AL

**A B (ID No: 62302A)**

**Vs**

**Avukat Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Helen Valenzia b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2017 gew nominati bhala Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat assenti huma divorzjati kif inhu pruvat minn **Dok. A** anness mal-ittra ta' medjazzjoni (u li għal finijiet ta' prattiċita', permezz ta' rikors li qed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, qed jintalab li l-

proċess appożitu ta' medjazzjoni jiġi allegat mal-proċeduri odjerni);

2. Illi ftott taż-żwieġ li kellhom il-partijiet nhar it-18 ta' Ġunju 2007 twieled il-minuri C Y (ara **Dok. B** anness mal-ittra ta' medjazzjoni);

3. Illi preżentement l-imsemmi minuri jgħix man-nanniet materni u ċioe' l-ġenituri tal-istess rikorrenti ġewwa ċ-Ċina;

4. Illi l-intimat assenti m'huwiex parti mill-ħajja tal-minuri C Y tant li għamel dikjarazzjoni ġuramentata (ara **Dok. Ċ** anness mal-ittra ta' medjazzjoni) li permezz tagħha ddikjara li m'għandu ebda oġġezzjoni li r-rikorrenti tingħata l-kura u l-kustodja tal-minuri;

5. Illi l-minuri jixtieq jerġa' jingħaqad mar-rikorrenti ommu li tista' tagħtih ħajja tajba u serena hawn Malta kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

6. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri C Y u li l-intimat assenti jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' disposizzjonijiet oħra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

7. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrenti tiġi awtorizzata sabiex tapplika għall-passport tal-minuri mingħajr il-firma tal-intimat assenti u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

8. Illi huwa fl-aħjar interessi tal-minuri wkoll li r-rikorrenti tiġi awtorizzata ssiefer flimkien mal-minuri mingħajr il-firma, kunsens jew awtorizazzjoni da parti tal-intimat assenti u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

9. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setgħetx isseħħ proprju għaliex l-intimat hu assenti u kien proprju għalhekk li permezz ta' digriet datat il-21 t'April 2017 ir-rikorrenti ġiet debitament

awtorizzata sabiex tintavola l-kawża odjerna prevja l-konferma tal-ittra ta' medjazzjoni bil-ġurament u prevja n-nomina ta' kuraturi deputati (ara **Dok. D** hawn anness). Għal kull buon fini qed jingħad li r-rikorrenti qiegħda tadixxi ma' tali digriet billi kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat qiegħda tippreżenta kopja legali tal-ittra ta' medjazzjoni hekk kif ġuramentata minnha flimkien mad-digriet relattiv hawn Cq imsemmi tal-21 t'April 2017;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tiddikjara u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C Y f'idejn ir-rikorrenti omm b'mod esklussiv;

2) Tordna li r-residenza tal-istess minuri C Y għandha tkun mar-rikorrenti ommu;

3) Tisvesti lill-intimat assenti mill-awtorita' tal-ġenitur a tenur tal-Artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' disposizzjonijiet oħra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita' tal-ġenitur esklussivament f'idejn l-istess rikorrenti A B sabiex ikollha d-dritt, responsabbilita' u awtorita' li tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha ordinarji u straordinarji għal binha minuri inkluż dawk għat-trobbija, edukazzjoni, saħħa u reliġjon tiegħu fl-aħjar interess tat-tifel b'dawk il-modalitajiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

4) Tiffissa u tillikwida somma adegwata għall-manteniment għall-minuri, liema manteniment għandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u saħħa tal-istess minuri *stante* n-nuqqas tal-intimat mill-gżejjer Maltin;

5) Tordna lill-intimat assenti sabiex iħallas din is-somma hekk likwidata direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull erba' ġimgħat;

6) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex f'każ li dan ikun possibbli, tali manteniment hekk likwidat jinqata' direttament mill-paga tal-

istess intimat assenti jew minn xi dipartiment jew entita' li mingħandha jirċievi xi forma ta' introjtu;

7) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika għall-passaport relattiv tal-minuri mingħajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-intimat;

8) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex issiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri C Y mingħajr il-firma, awtorizazzjoni jew il-kunsens tal-intimat assenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Helen Valenzia, li *in forza* taghha huma eccepew: (fol. 29)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Mark Mifsud Cutajar u il-PL Helen Valenzia;

Rat l-affidavit tal-attriċi u tax-xhieda minnha prodotti[1]. Rat id-dokumenti bankarji minnha esebiti.

Rat illi l-kuraturi deputati ma ppreżentaw ebda provi.

Rat l-atti tal-medjazzjoni illi, wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti, ġew allegati mal-proċess odjern;

Rat illl l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

---

[1] Fol. 32 et seq.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-fatti saljenti ta' din il-kawża huma s-segwenti:

1) Il-partijiet huma ta' nazzjonalita` Ċiniża. Huma żżewġu fiċ-Ċina u sussegwentement iddivorzjaw ġewwa ċ-Ċina fl-20 ta' Ġunju 2008; Il-konvenut qatt ma kien hawn Malta u sa fejn taf il-Qorti dejjem għex fiċ-Ċina;

2) Miż-żwieġ tal-partijiet, fit-18 ta' Ġunju 2007, huma kellhom iben li jismu C Y. Il-minuri dejjem għex fiċ-Ċina u preżentement jgħix hemmhekk għand in-nanniet materni tiegħu wara li għamel perjodu ta' żmien jgħix man-nanniet paterni, ukoll fiċ-Ċina. Il-minuri kien hawn Malta biss f'okkażjoni waħda, fil-vaganzi tas-sajf tas-sena 2016;

3) Meta l-minuri kellu tliet snin, ommu u cioe l-attriċi, trasferiet ruħha hawn Malta fejn hija stabbiliet residenza u preżentement hija wkoll miżżewġa ma' raġel Malti u cioe Mario Degabriele;

4) Illi l-attriċi tixtieq illi hija tingħata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri sabiex dana jkun jista' jinġieb hawn Malta fejn hija ser timpenja ruħha li tagħtih Ctur mill-isbaħ; Hija titlob ukoll illi l-Qorti tordna lill-intimat assenti sabiex iħallas manteniment għal ibnu;

5) Missier il-minuri, u cioe l-konvenut assenti, m'għandu l-ebda interess u kuntatt mat-tifel u filfatt huwa għamel dikjarazzjoni taħt ġurament fejn iddikjara s-segwenti:
*"I accept that our son C Y would reside and live in Malta with his mother, A B.*

*I Crther agree and consent:*

1) *That A B is to enjoy Cll rights to act as the guardian of C Y with all powers and authority that I would have if I were present in Malta.*
2) *That A B is to have Cll care and custody of our son C Y, since I truly believe that our son will be able to have a good education, a better Cture, as well as financial stability in Malta"*

In vista ta' dawn il-fatti, minkejja illi fil-mertu jidher li hemm qbil bejn il-ġenituri illi l-minuri C Y jista' jirrisjedi hawn Malta bil-kura esklussiva t'ommu, jeħtieġ illi l-Qorti titratta l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri C Y.

Il-Qorti qed tissolleva *ex officio* in-nuqqas ta' kompetenza tagħha illi tisma' kawża kontra persuna illi ma tinstabx hawn Malta. Dana l-Qorti tista' tagħmlu ai termini tal-Artikolu 774 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili[2], illi jipprovdi li:

***"Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza tagħha - (a) meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929;……."***

Artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi jitratta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, jipprovdi illi:-

***(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u***

[2] Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

***jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***
***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;***
***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***
***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***
***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;***
***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jifCnzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***
***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."***

Fil-każ odjern, hija l-attriċi biss li għandha preżenza hawn Malta. **<u>Il-konvenut, li mhuwiex ċittadin Maltin, la qatt kellu preżenza u wisq inqas domiċilju hawn Malta.</u>** Il-Qorti, f'dan l-istadju, qed tirreferi għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Catharina Harvey vs. Dr. Peter Caruana Galizia noe.</u>[3] fejn intqal: *"Din il-Qorti, anzi bil-maqlub ta' dak li ġie ritenut mill-ewwel Qorti, u s'hawn l-appellant għandu raġun fl-aggravju*

[3] Deċiża fit-8 ta' Jannar 2003, Appell Ċivili 2670/1999/1

*tiegħu, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-liġi tirreferi għal "kull persuna" u tabbinaha, fost oħrajn, ma' mera presenza, linja hawn qegħda neċessarjament, tirreferi* *<u>għall-presenza tal-parti konvenuta</u>* *Cq il-prinċipju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun biżżejjed għall-parti attriċi li tkun jew tiġi Malta u tħarrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra rigwardanti l-parti konvenuta – ħaġa dina li legalment hija inaċċettabbli.... una volta li jiġi suffiċjentement stabbilit li kien hemm presenza tal-parti konvenuta, allura dan ifisser li ġurisdizzjoni jkun hemm da parti ta' dik il-Qorti."*

F'dik il-kawża l-Qorti segwiet ukoll l-insenjament tal-Qrati tagħna fil-kawża <u>Sixt Rosmarie vs. Sixt Jurgen</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar 2000, fejn il-Qorti abbraċċjat il-prinċipju *ubi te invenio, ibi te convenio*.

Illi din il-Qorti kellha quddiemha diversi talbiet minn nies mhux ċittadini Maltin għall-kura u l-kustodja ta' wliedhom, fejn hija ma rrifjutatx il-ġurisdizzjoni tagħha, iżda dana f'ċirkostanzi fejn mill-inqas kien hawn il-minuri domiċiljat hawn Malta[4], jew fejn il-konvenut kien ċittadin tal-Unjoni Ewropeja u għaldaqstant ġew applikati ir-regolamenti speċifiċi tal-Unjoni Ewropeja. B'differenza, fil-każ in eżami, **ħadd mill-partijiet jew mill-minuri, li huwa s-suġġett ta' din il-kawża, m'għandhom ebda ness ma' Malta** għajr illi l-attriċi hija domiċiljata hawn Malta, ness li waħdu u fin-nuqqas ta' ness ieħor mhuwiex biżżejjed sabiex jagħti l-ġurisdizzjoni lill-Qrati Maltin.

Wieħed jista' jargumenta illi d-dikjarazzjoni tal-intimat tat-2 ta' Diċembru 2016, tista' ssarraf f'aċċettazzjoni taċita tal-

[4] Il-Qorti ssewgi l-insenjament tal-kawża fl-ismijiet <u>Raymond Calleja vs. Dr. Raymond Pace et noe</u>, deċiża fil-31 t' Jannar 1996, mill-Qorti tal-Appell, fejn il-Qorti saħqet: *"Jiġi nnotat illi l-liġi titkellem dwar* *<u>persuni</u>* *li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta. Ma titkellimx biss dwar persuni li jistgħu jissejħu bħala konvenuti quddiemha. Titkellem dwar kawżi li* *<u>jirrigwardaw</u>* *dawn il-persuni. – omissis – Ifisser li l-Qorti hi ukoll kompetenti u għandha ġurisdizzjoni f'kawżi li fihom il-partijiet ikunu qegħdin jikkonstataw meritu li d-determinazzjoni tiegħu, apparti li jiddefinixxi l-interess tagħhom fih, ikun ukoll direttament jirrigwarda terza persuna li ma tkunx parti fil-kawża u jista' jaffettwa d-drittijiet tagħha. F'dawn il-każijiet, il-Qorti tkun kompetenti tikkonsidra dak il-meritu anke kieku altrimenti ma kinitx tkun kompetenti, jekk it-terza persuna tkun ċittadina ta' Malta hawn domiċiljata;"*

ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ai termini tas-subinċiż g) tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 appena ċċitat. Il-Qorti tirrileva illi d-dikjarazzjoni ċċitata saret xhur qabel ma nbdew il-proċeduri tal-medjazzjoni u inoltre ma fiha ebda referenza għall-proċeduri pendenti quddiem il-Qrati Maltin. Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex tal-fehma illi bl-istess dikjarazzjoni, l-intimat assenti b'xi mod issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Illi għaldaqstant ma teżisti ebda waħda mill-ipotesijiet kontemplati mill-Artikoli 742 tal-Kapitolu 12 appena ċċitat, illi jagħtu l-ġurisdizzjoni lil din il-Qorti.

Il-Qorti tirreferi wkoll għal dak stipulat dwar il-ħatra tal-kuratur u jekk din hijiex biżżejjed biex tikkostitwixxi l-preżenza li trid il-liġi ai fini ta' ġurisdizzjoni. Il-kawża, Angelo Cutajar & Sons Limited vs. Dr. Anthony Cremona noe.[5], trattat il-ġurisdizzjoni tal-Qrati tagħna f'ambitu ta' kummerċ, u għalhekk ma titfax dawl Cq il-każ odjern, iżda dak stipulat f'dik il-kawża dwar il-ħatra tal-kuraturi huwa validu f'kull ċirkostanza, inkluż il-preżenti, u dana fejn intqal: *"hija tal-fehma li l-ħatra waħedha ta' Kuratur Deputat għal parti li ma tkunx tinsab f'Malta m'hijiex biżżejjed biex issejjes l-element ta' preżenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali preżenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju fejn, minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija altrimenti stabilita, kawża titressaq quddiem Qorti Maltija. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li l-ħtieġa tal-liġi għall-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement tejoretika, billi din setgħet tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta' Kuratur Deputat u b'hekk joħloq "il-preżenza";*

Applikati l-fatti tal-kawża odjerna għall-provvediment u l-ġjurisprudenza appena ċċitati, jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi l-assenza tal-konvenut u tal-minuri minn dawn il-Gżejjer tirrendi lill-Qrati Maltin nieqsa mill-ġurisdizzjoni illi jisimgħu il-kawża.[6]

---

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 t'Ottubru 2003, 2545/1998JRM

[6] Dan huwa wkoll l-insenjament ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża AB vs. ED, (Rikors Ġuramentat 12/12RGM), deċiża fil-5 t'April 2016

Stabbilit illi l-kawża odjerna m'hiex ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, il-Qorti qed tiddikjara ruħha inkompetenti li tisma' l-kawża stante li m'għandhiex ġurisdizzjoni Cq il-konvenut.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attriċi stante n-nuqqas ta' kompetenza tagħha biex titrattahom.

Bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.